



Brussell, 14 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12943/23

LIMITE

COSI 149
JAIEX 54
CORDROGUE 83
CT 142
COPS 443
CRIMORG 116
IXIM 173
ENFOPOL 385
ENFOCUSTOM 100
CYBER 213
JAI 1149

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Abbozz ta' Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) għall-perjodu Jannar 2022 sa Ġunju 2023

F'konformità mal-Artikolu 71 TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/131/UE dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), il-Kunsill għandu jżomm lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali infurmati bil-proċedimenti tal-COSI.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-COSI għall-perjodu Jannar 2022 sa Ġunju 2023.

Id-delegazzjonijiet huma mistiedna jipprovdu l-kummenti tagħhom bil-miktub dwar l-abbozz ta' rapport lil cosi.UF2023ES@reper.maec.es, u jibagħtu kopja cosi@consilium.europa.eu sat-22 ta' Settembru 2023.

Il-Presidenza biħsiebha titlob l-approvazzjoni mill-COSI fil-laqgħa tal-5 ta' Ottubru 2023.

Abbozz ta' Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) għall-perjodu Jannar 2022 sa Ġunju 2023

Werrej

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

2. IMPLIKAZZJONIJIET GĦAS-SIGURTÀ INTERNA TAL-GWERRA TA' AGGRESSJONI TAR-RUSSJA KONTRA L-UKRAJNA

1. Mobilizzazzjoni tal-EMPACT
2. Stampa tat-theddid
3. Djalogu dwar is-Sigurtà Interna mal-Ukrajna
4. Impożizzjoni ta' sanzjonijiet

3. ŻVILUPPI TEKNOLOĠIĊI

1. Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi
2. Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna
3. Fajls diġitali

4. IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ SERJA U ORGANIZZATA

1. EMPACT
2. Traffikar tad-droga
3. Traffikar ta' beni kulturali
4. Sfidi għas-sigurtà Interna marbuta mal-migrazzjoni

5. ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

1. Valutazzjonijiet tat-theddid fil-ġlieda kontra t-terroriżmu
2. Ġellieda Terroristi Barranin u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
3. Ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni

6. TISĦIĦ TAR-RABTA BEJN IS-SIGURTÀ INTERNA U DIK ESTERNA

1. Formalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ĠAI/PSDK
2. Kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali

7. KOORDINAZZJONI TAL-AĠENZJI TAL-ĠAI

1. Network tal-Aġenziji tal-ĠAI
2. Attivitàjiet individwali tal-aġenziji tal-ĠAI

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) previst fl-Artikolu 71 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) twaqqaf fil-Kunsill fl-2010¹ biex jiffaċilita, jippromwovi u jsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet operazzjonali tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti fil-qasam tas-sigurtà interna. Taħt it-Triju ta' Presidenzi tar-Repubblika Ċeka, Franza u l-Iżvezja, il-COSI kompli jwettaq il-mandat tiegħu bħala korp ta' monitoraġġ, konsulenza u teħid ta' deċiżjonijiet, li jinkludi rappreżentanti għolja u esperti mill-Istati Membri kollha tal-UE, il-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-aġenziji rilevanti tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI), u ħoloq sinerġiji bejn il-pulizija, id-dwana, il-gwardji tal-fruntiera u l-awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll atturi rilevanti oħra. Il-COSI jaqdi rwol importanti fl-interfaċċa bejn il-livelli strateġiċi u operattivi biex jiżgura koerenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet strateġiċi u l-azzjoni operazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà². Il-COSI ilu jħejji kwistjonijiet ta' sigurtà interna biex jitqiesu mill-konfigurazzjoni tal-Kunsill ĠAI, b'kont meħud tal-ħidma ta' strutturi oħra tal-Kunsill. Filwaqt li l-COSI s-soltu jiltaqa' darbtejn kull semestru għal laqgħat formali u darba fis-semestru għal laqgħa informali, Grupp ta' Appoġġ COSI jinsab fis-seħħ biex iħejji diskussjonijiet għall-COSI u jiffaċilita xogħlu fuq livell tekniku.

¹ 16515/09

² 10010/20

Matul il-perjodu ta' rappurtar minn Jannar 2022 sa Ġunju 2023, il-COSI ttratta bħala kwistjoni ta' prijorità l-implikazzjonijiet għas-sigurtà interna tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-ħidma fuq l-iżviluppi teknoloġiċi inkluż permezz ta' Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna kompliet u laħqet il-qofol tagħha fil-ħolqien ta' Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi. Fil-qasam tal-kriminalità serja u organizzata, iċ-ċiklu l-ġdid tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) 2022-2025 beda taħt il-gwida strateġika tal-COSI b'għaxar prijoritajiet tal-UE dwar il-kriminalità indirizzati permezz ta' 15-il Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs). Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-COSI ta attenzjoni speċifika lill-għlieda kontra t-traffikar ta' drogi illeċiti. Il-COSI kompli jissorvelja l-iżviluppi relatati mat-terroriżmu billi ħareġ rakkomandazzjonijiet regolari bbażati fuq l-istampa tat-theddid li qed tevolvi, u billi għied attenzjoni partikolari għall-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni. Qasam ewlieni ieħor ta' ħidma kien ir-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna, inkluż permezz ta' laqgħat konġunti mal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), li jinkludu diskussjonijiet dwar l-istabbiliment tal-patt il-ġdid dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u l-missjoni ċivili fil-Moldova. Fl-aħħar nett, il-COSI ssorvelja l-attivitajiet tal-aġenziji tal-ĠAI u tan-network tagħhom, billi għen biex jinħolqu sinerġiji u kkontribwixxa biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-ħidma tagħhom.

2. IMPLIKAZZJONIJIET GĦAS-SIGURTÀ INTERNA TAL-GWERRA TA' AGGRESSJONI TAR-RUSSJA KONTRA L-UKRAJNA

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna kienet ta' tħassib kbir għall-COSI matul it-Triju ta' Presidenzi, peress li l-gwerra għandha l-potenzjal li tixpruna theddid ġdid għas-sigurtà interna u taggrava t-theddid eżistenti għas-sigurtà interna għall-Unjoni.

2.1 Mobilizzazzjoni tal-EMPACT

F'Marzu 2022, l-Istati Membri ġew mistiedna jimmobilizzaw l-EMPACT biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni operazzjonali għall-ġlieda kontra t-theddid mill-gwerra. Il-proposta mill-Presidenza Franċiża u l-Kummissjoni Ewropea ġiet appoġġata fil-laqgħa straordinarja tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu, fejn ġiet introdotta "proċedura rapida" biex tadatta kull meta meħtieġ l-OAPs eżistenti tal-EMPACT, biex issaħħaħ l-istampa tal-intelligence u tissorvelja s-sitwazzjoni li qed tevolvi u r-reazzjonijiet operazzjonali relatati. Il-bidliet proposti mill-Promoturi tal-OAPs u maqbuli mill-COSI inkludew il-ħolqien ta' azzjonijiet operazzjonali ġodda relatati mat-traffikar ta' bnedmin, networks kriminali ta' riskju għoli, drogi sintetiċi u finanzi kriminali, ħasil tal-flus u l-irkupru tal-assi.

2.2 Stampa tat-theddid

Matul il-gwerra, il-COSI rċieva aġġornamenti regolari dwar l-istampa tat-theddid li qed tevolvi. F'April 2022, l-Europol u l-Frontex iddeskrivew it-theddid ewlieni għas-sigurtà li jirriżulta mill-gwerra fil-mandat tagħhom, filwaqt li l-Presidenza Franċiża pprovdiet valutazzjoni globali komplementari tat-theddid kriminali fil-kuntest tal-gwerra inkluż it-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar ta' beni kulturali, it-traffikar tal-armi tan-nar, it-theddid ċibernetiku u t-tixrid tad-diżinformazzjoni, l-attivazzjoni mill-ġdid tan-networks kriminali, il-preżenza ta' ġellieda barranin estremisti vjolenti fuq iż-żewġ naħat tal-kunflitt, u t-theddid fil-fruntieri esterni tal-UE. L-Istati Membri ġew imħeġġa jaqsmu l-intelligence rilevanti kollha biex jippermettu lill-aġenziji tal-ĠAI, inkluż l-Europol, l-Eurojust u l-Frontex jimmonitorjaw u jivvalutaw is-sitwazzjoni kif xieraq.

Matul il-laqgħa ta' Settembru 2022 tal-COSI, il-Kumitat ħa nota tad-dokument konġunt tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI dwar il-kontributi tagħhom għas-solidarjetà tal-UE mal-Ukrajna³. F'Mejju 2023, il-COSI nnota r-rapport ta' valutazzjoni tal-Europol, li jindika żieda fl-attakki ċibernetiċi u l-attivitajiet ta' ħasil tal-flus bħala konsegwenza tal-gwerra. L-Istati Membri jkomplu jesprimu tħassib dwar il-potenzjal fuq terminu medju u twil li jsir traffikar tal-armi tan-nar. Għalhekk, il-monitoraġġ tal-bidliet operazzjonali u r-riskji futuri potenzjali għadu prijorità għall-COSI.

2.3 Djalogu dwar is-Sigurtà Interna mal-Ukrajna

Il-ħtieġa għal djalogu strutturat mal-awtoritajiet Ukreni biex tiżdied il-kooperazzjoni operazzjonali ġiet evokata fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Interni f'Lulju 2022 u kkonfermata fil-laqgħa informali tal-COSI taħt il-Presidenza Ċeka f'Lulju 2022. L-iskambju ta' informazzjoni b'rabta mal-operazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-armi tan-nar, il-ħolqien ta' sistema ġenerali ta' protezzjoni tal-infrastruttura kritika, u s-sigurtà tal-fruntieri ġew identifikati bħala oqsma ta' prijorità ta' kooperazzjoni mal-Ukrajna.

F'Novembru 2022, wara laqgħa mal-Ministeru għall-Intern Ukren, il-Koordinatur tal-UE għall-Għieda Kontra t-Terroriżmu (EU CTC), il-Kummissjoni, is-SEAE, l-Europol u l-Frontex infurmaw lill-COSI dwar l-aħħar żviluppi rigward id-djalogu dwar is-sigurtà interna mal-Ukrajna. L-Istati Membri laqgħu tajjeb id-deskrizzjoni tad-djalogu strutturat mal-Ukrajna u t-tabella ta' azzjoni dettaljata mħejjija mill-Presidenza dwar l-implikazzjonijiet tal-gwerra għas-sigurtà interna bħala għodda Prattika biex jiġi ffaċilitat is-segwitu għall-fergħat ta' ħidma li ġiet aġġornata għal-laqgħa tal-COSI f'Mejju 2023.

Fi Frar 2023, il-COSI ġie aġġornat dwar it-theddida terroristika potenzjali, b'enfasi fuq riskji potenzjali minħabba r-ritorn ta' voluntiera barranin. F'Mejju 2023, il-COSI ħa nota tal-iżviluppi, inkluż il-ħolqien ta' lista ta' azzjonijiet għall-għieda kontra l-armi tan-nar u devjazzjonijiet oħra ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, imħejjija b'mod konġunt mill-Kummissjoni u s-SEAE, inkluż kontribut regolari ta' informazzjoni lill-Europol dwar armi tan-nar mitlufa u misruqa fl-Ukrajna. Barra minn hekk, l-Europol ingħatat aċċess għall-bażi ta' data iArms tal-Interpol, li jimmarka pass kbir 'il quddiem.

Il-COSI ser jissorvelja kontinwament l-iżviluppi tad-djalogu dwar is-sigurtà interna mal-Ukrajna u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi.

³ 8065/23, 11905/1/22

2.4 Impożizzjoni ta' sanzjonijiet

Il-potenzjal għal ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet mir-Russja u l-Belarussja u l-hteġa li jiġu imposti penali effettivi ġew enfasizzati mill-COSI taħt il-Presidenza Ċeka. Il-potenzjal għal infurzar frammentat tas-sanzjonijiet madwar l-Istati Membri kien qasam ta' tħassib meta wieħed iqis il-kompetenzi differenti tal-awtoritajiet nazzjonali u r-riskju ta' interpretazzjoni mhux konnessa tas-sanzjonijiet. Il-COSI laqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-ksur tas-sanzjonijiet jiġi inkluż fil-lista tal-UE ta' reati kriminali skont l-Artikolu 83 TFUE⁴.

Il-COSI laqa' l-kontribut tal-Europol permezz tal-operazzjoni OSCAR (bl-appoġġ tal-komunità EMPACT permezz ta' azzjoni operazzjonali tal-OAP tal-Finanzi Kriminali, Ħasil tal-Flus u Rkupru tal-Assi), li tappoġġa l-investigazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-Istati Membri mmirati lejn assi kriminali proprjetà ta' individwi u entitajiet legali sanzjonati fir-rigward tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Il-COSI ddiskuta wkoll il-potenzjal li l-Europol tikkontribwixxi għal analiżi tax-xejriet u l-mudelli rigward iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni mas-settur privat. L-Istati Membri indikaw li l-immappjar ta' diversi inizjattivi/fora/laqgħat relatati mal-infurzar tas-sanzjonijiet fil-livell tal-UE jkun milqugħ tajjeb, inkluż l-istabbiliment ta' network ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi kif ukoll l-awtoritajiet ġudizzjarji.

⁴ 9641/22

3. ŻVILUPPI TEKNOLOĠIĊI

L-isfidi li qed tiffaċċja s-sigurtà interna f'dinja li qed issir aktar dipendenti b'mod teknoloġiku u diġitali huma tema trasversali fuq l-aġenda tal-COSI.

3.1 Aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi

Iż-żamma tal-informazzjoni rilevanti u l-aċċess għaliha, l-analiżi tagħha u l-azzjoni fuqha fl-ambitu tas-setgħat legalment preskritti u f'konformità mad-drittijiet fundamentali huma fil-qalba tal-ħidma tal-infurzar tal-liġi. Dan huwa aggravat mill-isfruttament tal-iżviluppi teknoloġiċi mill-kriminali, kif enfasizzat mill-operazzjonijiet kontra Encrochat u SkyEcc. Huwa essenzjali li tiġi żgurata l-kapaċità tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi biex jaċċessaw id-data f'ambjent diġitali, kif jagħmlu offline.

Matul il-Presidenza Franċiża, il-ministeru għall-intern Franċiż organizza avveniment dwar l-aċċess għad-data, li sar f'Pariġi fil-21 ta' April 2022 (l-ewwel edizzjoni tal-"Forum des îles"). L-għan ta' dan is-simpożju kien li jindirizza, b'mod miftuħ u mal-partijiet ikkonċernati kollha involuti (il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-MPE, il-maġistrati, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, eċċ.), il-kwistjoni tal-aċċess għad-data mill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà. Is-simpożju enfasizza l-isfida għall-awtoritajiet biex iżommu l-pass u jipprovdutwegibiet effettivi online, il-ħtieġa urġenti li l-partijiet ikkonċernati kollha jkollhom ċertezza legali akbar u qafas adattat għall-iżviluppi teknoloġiċi attwali u futuri, id-diffikultà li tiġi analizzata l-big data fil-livell tal-Istati Membri, u l-ħtieġa li tiġi żviluppata kultura komuni Ewropea tal-pulizija biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod effettiv. Id-diskussjonijiet urew ukoll li kien possibbli djalogu, lil hinn mid-differenzi fl-approċċ, u li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kienet objettiv kondiviż b'mod komuni. Il-parteċipanti qablu li qafas ta' diskussjoni informali u miftuħ bħal dan kien essenzjali biex terġa' tinbena l-fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati u biex jinbena kunsens Ewropew dwar l-aċċess għad-data. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza Żvediża organizzat it-tieni edizzjoni ta' dan il-forum informali f'Balsta fis-27 ta' April 2023.

Barra minn hekk, il-Presidenza Żvediża nediet dibattitu dwar l-isfidi relatati mal-aċċess għad-data diġitali għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità waqt il-laqgħa informali tal-ministri tal-ĠAI fis-26 ta' Jannar 2023. L-inizjattiva "Going Dark" tfittex li tappoġġa l-istat tad-dritt billi tindirizza l-isfida dejjem tikber għall-aġenziji ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi biex jaċċessaw l-informazzjoni u l-evidenza pereżempju f'komunikazzjonijiet kriptati, issa ħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali biex tiżgura li l-aċċess legali għall-evidenza jkun possibbli anke fin-natura transfruntiera tas-servizzi diġitali, tiżviluppa qafas ċar għaż-żamma tad-data, tfassal strumenti u metodi effettivi biex tiġi indirizzata l-volatilità tal-informazzjoni elettronika, u tindirizza t-tħassib ġurisdizzjonali kkawżat mit-telf ta' lokalizzazzjoni.

Matul il-Kunsill ĠAI informali f'Jannar 2023, il-ministri ddiskutew il-ħtieġa li jinħoloq forum iddedikat biex jiġu indirizzati l-isfidi dejjem akbar għall-infurzar tal-liġi biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, u inkarigaw lill-COSI biex jipprovdi proposti konkreti. Il-Presidenza Żvediża ħejjiet proposta għall-ħolqien ta' Grupp ta' Livell Għoli kopresedut mill-Presidenza u l-Kummissjoni, inkluż dokument dwar l-ambitu li jkompli jiddefinixxi l-mandat ta' dak il-grupp⁵ għal diskussjoni fil-laqgħa informali tal-COSI tat-30 u l-31 ta' Marzu. Wara d-deċiżjoni formali tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-grupp, l-ewwel laqgħa plenarja tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi saret fid-19 ta' Ġunju 2023. Il-grupp huwa mistenni jikkonkludi l-ħidma tiegħu sa nofs l-2024.

3.2 Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna huwa network kollaborattiv taħt il-gwida strateġika tal-COSI, li jaħdem biex jikkoordina inizjattivi ta' innovazzjoni fost l-aġenziji tal-ĠAI u jxerred soluzzjonijiet effettivi biex jappoġġa l-ħidma tal-atturi tas-sigurtà interna fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Sa mill-bidu tiegħu, il-COSI mmonitorja l-progress taċ-Ċentru, filwaqt li rċieva aġġornamenti regolari mill-kopresidenti tal-Grupp ta' Tmexxija taċ-Ċentru u l-aġenziji tal-ĠAI involuti fl-attivitajiet tiegħu, u pprovda forum għall-Istati Membri biex jaqsmu l-ideat tagħhom għaċ-Ċentru.

⁵ 8281/23

F'Settembru 2022, il-kopresidenti tal-Grupp ta' Tmexxija taċ-Ċentru ppreżentaw ir-Rapport Annwali tal-2021, filwaqt li enfasizzaw il-kisbiet fir-rigward tal-prijoritajiet tal-COSI bħall-monitoraġġ tad-darknet, l-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-kriptaġġ. L-Europol ippreżentat l-eżiti tal-Avveniment Annwali taċ-Ċentru għall-2022. L-immappjar tal-istampa komuni tal-innovazzjoni pprovduta miċ-Ċentru ġie ppreżentat lill-COSI fil-laqgħa tiegħu ta' Novembru 2022.

Fi Frar 2023, il-COSI ħa nota tar-Rapport Annwali tal-2022 u l-ippjanar pluriennali tal-attivitajiet 2023-2026 taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u kkonferma l-prijoritajiet identifikati. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tippreżenta aktar informazzjoni dwar il-fondi tal-UE disponibbli għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-Istati Membri ġew imħeġġa jġibu l-proġetti rilevanti taħt il-kappa taċ-Ċentru. L-aġenziji tal-ĠAI ġew mistiedna jikkunsidraw l-allokazzjoni ta' fondi għaċ-Ċentru fl-attivitajiet ta' programmazzjoni tal-baġit tagħhom fl-2024 u lil hinn. F'Mejju 2023, il-COSI approva l-kompożizzjoni l-ġdida tal-Grupp ta' Tmexxija taċ-Ċentru bi Spanja u l-Ungerija jikkopresiedu l-grupp għal disa' xhur konsekuttivament flimkien mal-Kummissjoni.

L-importanza li l-Istati Membri jiġu involuti fiċ-Ċentru ġiet enfasizzata kontinwament mill-COSI. Il-kontribuzzjonijiet tal-prattikanti tal-Istati Membri huma vitali biex jiġu identifikati b'suċċess il-prijoritajiet għaċ-Ċentru, jiġi żgurat finanzjament aktar stabbli għall-attivitajiet tiegħu, u jiġu ggarantiti riżorsi tal-persunal, prinċipalment permezz ta' persunal issekondat.

3.3 Fajls diġitali

Minħabba ż-żieda fil-proliferazzjoni tal-politiki diġitali f'diversi setturi u r-ramifikazzjonijiet potenzjali li dawn jista' jkollhom fuq is-sigurtà interna, l-istatus ta' diversi fajls diġitali orizzontali li qed jiġu nnegożjati fis-settur tal-ĠAI u barra minnu huma ta' interess għall-COSI.

Fil-laqgħa informali tal-COSI ta' Lulju 2022, il-Presidenza Ċeka organizzat sessjoni ta' ħidma dwar teknoloġiji għad-detezzjoni ta' materjal ġdid u magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u grooming f'komunikazzjonijiet mhux kriptati u kriptati. L-Istati Membri enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u n-natura interkonnessa tal-ambjent online u offline.

Fil-laqgħa tal-COSI ta' Novembru 2022, il-Presidenza Ċeka pprovdiet ħarsa ġenerali dettaljata tas-sitwazzjoni attwali tal-fajls diġitali. Il-Presidenza infurmat ukoll lid-delegazzjonijiet dwar l-eżiti tal-konferenza tal-Presidenza dwar id-dimensjoni online tal-ġlieda kontra t-terroriżmu li saret fil-15 u s-16 ta' Settembru 2022 fi Praga, u li l-abbozz ta' Konklużjonijiet dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żona Ewropea tax-Xjenza Forensika 2.0 ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni⁶.

Il-COSI kompla jirċievi aġġornamenti regolari dwar l-istatus tal-fajls diġitali taħt il-Presidenza Żvediża. Matul il-laqgħa tal-COSI ta' Frar 2023, il-Presidenza enfasizzat il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkonsolidaw il-pożizzjonijiet ta' sigurtà interna tagħhom fi ħdan il-korpi preparatorji l-oħra tal-Kunsill, pereżempju billi jinstemgħu l-vuċijiet tal-komunitajiet tal-ĠAI fid-diskussjonijiet tal-Att dwar l-IA li qed isiru fil-Grupp ta' Hídma dwar it-telekomunikazzjoni u s-soċjetà tal-informazzjoni u enfasizzat l-importanza ta' integrazzjoni aħjar tal-konsiderazzjonijiet tas-sigurtà interna fil-qafas regolatorju ġenerali.

Id-diskussjonijiet komplew fil-laqgħa tal-COSI ta' Mejju 2023 bi preżentazzjoni tal-Europol dwar l-IA minn perspettiva tal-infurzar tal-liġi, b'enfasi fuq il-ħolqien tagħhom ta' ambjent ta' sandbox għat-taħriġ, l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-għodod tal-IA, ir-riskji u l-opportunitajiet assoċjati mal-użu ta' ChatGPT u mudelli lingwistiċi kbar oħra⁷, u t-tnedija tal-prinċipji ta' responsabbiltà għall-qafas tal-IA (AP4AI)⁸. L-Istati Membri appoġġaw il-ħolqien ta' ambjent ta' sandbox, filwaqt li indikaw il-ħtieġa għal approċċ strateġiku komuni f'dan il-qasam.

⁶ 7152/23

⁷ 8535/23

⁸ <https://www.ap4ai.eu>

4. IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ SERJA U ORGANIZZATA

4.1 EMPACT

Il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) tindirizza l-aktar theddid importanti kkawżat mill-kriminalità serja u organizzata li jaffettwa lill-UE. L-EMPACT issaħħaħ il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali fost l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u s-sħab internazzjonali. L-EMPACT hija strument multidixxiplinarju mmexxija mill-intelligence, li taħdem f'ċikli ta' erba' snin li jiffukaw fuq il-prijoritajiet kriminali komuni tal-UE. L-EMPACT tiżviluppa, timplimenta, u timmonitorja 15-il Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) f'konformità mal-għaxar priyoritajiet kriminali tal-UE: in-networks kriminali ta' riskju għoli, l-attakki ċibernetiċi, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tad-drogi, il-frodi, il-kriminalità ekonomika u finanzjarja, il-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà, il-kriminalità ambjentali, u t-traffikar tal-armi tan-nar. L-OAPs huma mibnija skont għanijiet strateġiċi orizzontali komuni determinati minn qabel.

Fl-2022, l-EMPACT iċċelebrat l-għaxar anniversarju tagħha, okkażjoni li ġiet imfakkra mill-Presidenza Franċiża waqt ikla ta' nofsinhar ta' ħidma tal-COSI. L-Istati Membri kkumplimentaw l-EMPACT bħala strument effiċjenti u effettiv għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Huma faħħru l-flessibbiltà tagħha u appellaw għal aktar sforzi biex tiġi ssimplifikata l-metodoloġija tagħha. It-tim ta' koordinazzjoni tal-EMPACT Franċiż organizza seminar biex tinkiseb integrazzjoni aħjar tal-għanijiet strateġiċi orizzontali komuni fl-OAPs tal-EMPACT. Il-Kummissjoni Ewropea żiedet ukoll ir-rwol ta' appoġġ tagħha għall-EMPACT, b'mod partikolari billi tkompli tartikola l-istrateġiji, l-aġendi jew il-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti tal-UE mal-EMPACT u billi żżid l-appoġġ finanzjarju tagħha permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF).

Matul il-Presidenza Ċeka, il-mekkaniżmu ta' rapportar tal-EMPACT ġie rivedut biex jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mar-rapportar, biex jiġi ssimplifikat il-ġbir tad-data, biex jinqabdu r-risultati ewlenin u biex issir riflessjoni fuq l-iżviluppi reċenti bħall-istabbiliment tal-koordinaturi ta' għanijiet strateġiċi orizzontali komuni. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-OAPs ma' pajjiżi u partijiet terzi rilevanti ġie rivedut biex jirrifletti l-interess dejjem akbar tas-sħab biex jipparteċipaw fl-EMPACT.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022+⁹ u li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata għall-EMPACT 2022-2025¹⁰ ġew riveduti fid-9 ta' Marzu 2023 sabiex tiġi indirizzata l-possibbiltà li jiġu inklużi azzjonijiet operazzjonali ġodda u jiġu emendati azzjonijiet eżistenti f'każ ta' sitwazzjonijiet/theddid emerġenti (bħall-gwerra fl-Ukrajna jew il-COVID-19), kif ukoll biex jippermettu l-introduzzjoni ta' OAPs biennali.

Il-Presidenza Żvediża rrevediet it-Termini ta' Referenza tal-EMPACT sabiex tirrifletti l-bidliet reċenti fl-EMPACT, bħall-introduzzjoni ta' OAPs biennali mill-2024 'il quddiem, Strateġija ta' Komunikazzjoni Konġunta, il-possibbiltà li jiġu aġġustati l-OAPs f'sitwazzjoni/theddid ta' emerġenza, kif ukoll biex tiċċara t-terminoloġija, u r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' atturi differenti¹¹.

Fil-laqgħa ta' Mejju 2023 tal-COSI, il-Presidenza Żvediża rreferiet għar-riżultati tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali tal-EMPACT tal-2022.¹²

4.2 Traffikar tad-droga

It-traffikar tad-droga għandu implikazzjonijiet serji għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea u għas-saħħa ta' ċittadini tagħha, u l-gruppi kriminali involuti żviluppaw strutturi transkonfinali madwar l-Ewropa, filwaqt li hađu vantaġġ mit-trasport marittimu u t-teknoloġiji innovattivi biex jispostaw u jikkummerċjalizzaw drogi illeċiti u jalimentaw tipi oħra ta' kriminalità. It-Triju ta' Presidenzi għamel it-traffikar tad-droga prijorità tagħhom, billi organizza diskussjonijiet tematiċi dwar is-suġġett.

Fil-laqgħat ta' Jannar u Frar 2022 tal-Grupp ta' Appoġġ COSI u l-COSI, id-diskussjonijiet iffukaw fuq is-sitwazzjoni attwali tat-traffikar tad-droga fl-Ewropa. Il-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tal-ĠAI enfasizzaw il-proġett li għaddej bħalissa dwar il-monitoraġġ tad-Darknet taħt iċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna u operazzjonijiet rilevanti bħal Encrochat. L-Istati Membri wrew tħassib dwar l-aċċellerar tal-"uberizzazzjoni" tad-drogi, u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kriptoaluti f'dan ir-rigward, filwaqt li enfasizzaw it-temi rikorrenti relatati mal-infurzar tal-liġi fl-ambjent diġitali.

⁹ 7100/23

¹⁰ 7101/23

¹¹ 8975/23

¹² https://www.consilium.europa.eu/media/65450/2023_225_empact-factsheets-2022_web-final.pdf

F'Marzu 2022, il-ministri wrew ir-rieda tagħhom li jsaħħu d-djalogu ma' pajjiżi terzi u strutturi reġjonali (UE-Balkani tal-Punent, UE-Amerka Latina, eċċ.), b'mod partikolari billi jappoġġaw l-istabbiliment tal-Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna (CLASI) u t-Task Force speċifika tiegħu Kontra n-Narkotiċi ddedikata għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga.

Abbażi ta' dan, f'April 2022, id-delegazzjonijiet komplew jiddiskutu l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. Il-Frontex tat preżentazzjoni dwar is-sorveljanza marittima u t-traċċar tal-bastimenti fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tat-traffikar tad-droga. Il-Presidenza Franċiża rriflettiet dwar il-konnessjoni bejn it-traffikar tad-droga u l-komponent finanzjarju tagħha billi pproponiet il-ħolqien ta' bażi ta' data kondiviżi biex ikun fiha l-IBANs ta' kontijiet bankarji użati għal attivitajiet kriminali.

Matul il-laqgħa informali tal-COSI fi Franza, l-Istati Membri pparteċipaw f'diskussjoni operazzjonali interattiva dwar l-erba' flussi ta' ħidma ewlenin relatati mat-traffikar tad-droga, żviluppati taħt il-Presidenza Franċiża: it-traffikar bil-baħar, it-traffikar online, il-qbid u l-konfiska ta' assi kriminali, u l-kooperazzjoni internazzjonali. Meta wieħed iqs l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025¹³, f'Mejju 2022, tħejja l-"Pjan Direzzjonali għall-Ġlieda kontra t-Traffikar tad-Droga" li jinkludi tabella li tiġbor l-eżiti/il-miżuri operazzjonali identifikati matul il-Presidenza Franċiża.

Id-diskussjonijiet dwar is-suġġett tat-traffikar tad-droga komplew matul il-Presidenza Ċeka. Fil-laqgħa ta' Settembru 2022 tal-COSI, il-President tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) ippreżenta l-prijoritajiet tal-Presidenza, b'enfasi fuq approċċ ibbażat fuq l-evidenza u d-drittijiet tal-bniedem u l-aspetti tas-saħħa u l-prevenzjoni. Il-COSI ddiskuta żewġ kwistjonijiet: it-traffikar f'ambjent virtwali u permezz ta' pakketti bil-posta, kif ukoll it-tendenzi ġodda dwar il-metamfetamina fl-Ewropa.

F'Mejju 2023, il-Presidenza Żvediża poġġiet fuq l-aġenda d-detezzjoni tat-traffikar illeċitu bl-ingrossa tad-droga u prekursori tad-droga fil-punti ta' dħul u ħruġ tal-UE¹⁴. Id-diskussjonijiet kienu bbażati fuq il-ħtieġa li l-isforzi jiġu ffukati kemm fuq portijiet kbar kif ukoll dawk żgħar, il-preżenza ta' networks kriminali fil-portijiet u l-ħtieġa li l-impjegati jiġu skrinjati fil-portijiet, it-theddida dejjem tikber maħluqa mill-frodi bil-kodiċi pin, u l-ħtieġa li jittejbu s-sħubijiet pubbliċi-privati ma' kumpaniji tal-port. Matul dik il-laqgħa, il-COSI laqa' l-mandat aġġornat taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u l-istabbiliment sussegwenti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA).

¹³ 14178/20

¹⁴ 8873/23

4.3 Traffikar ta' Beni Kulturali

It-traffikar ta' beni kulturali kien fuq l-aġenda tal-COSI biex tizzied is-sensibilizzazzjoni dwar is-serq organizzat, it-traffikar illeċitu, il-bejgħ u l-qerda tal-wirt kulturali minħabba kunflitt armat, u biex tiġi appoġġata l-ħidma li għaddejja mill-Kummissjoni. Il-Grupp ta' Appoġġ COSI kkunsidra s-suġġett f'Jannar 2022, u l-Istati Membri kkontribwew għat-tħejjija mill-Kummissjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar it-traffikar ta' beni kulturali ppubblikat f'Diċembru 2022¹⁵. Bħala segwitu, f'Mejju 2022, l-"Office Central de lutte contre le trafic des biens culturels (OCBC)" tal-Pulizija Kriminali Nazzjonali Franċiża ppreżenta r-reġistru tal-pulizija tiegħu tal-beni kulturali u n-Netherlands ippreżentaw ir-reġistru diġitali tagħhom. Il-COSI wera appoġġ wiesa' għat-tisħiħ tal-kapaċità tan-network EU CULTNET billi ħoloq punt ta' kuntatt/korrispondent permanenti biex jappoġġa t-tmexxija tan-network u l-interazzjoni tiegħu ma' entitajiet oħra.

Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna kompliet tenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-traffikar ta' beni kulturali. Il-potenzjal għal qerda u traffikar bla preċedent ta' beni kulturali Ukreni ġie diskuss fil-laqgħa informali tal-COSI taħt il-Presidenza Franċiża. Il-laqgħa enfasizzat il-miżuri ta' emerġenza potenzjali li l-Unjoni tista' tieħu biex tipprevjeni dan, inkluż permezz ta' appoġġ għall-"Lista l-Ħamra ta' Emerġenza" (li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet b'kooperazzjoni mal-gvern Ukren), u għet ikkunsidrata wkoll l-inklużjoni ta' ordni speċifika fil-lista ta' sanzjonijiet għar-Russja. F'dan ir-rigward, ġew diskussi r-rwoli potenzjali għall-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' beni kulturali, in-network CULTNET, u azzjoni operazzjonali msaħħa taħt l-EMPACT.

Matul il-Presidenza Ċeka, il-COSI bbenefika minn preżentazzjoni tal-bażi ta' data Leonardo kontra t-traffikar ta' beni kulturali mill-Kmand Taljan tal-Carabinieri għall-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali. Taħt il-Presidenza Żvediża, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali ġew adottati f'Ġunju 2023¹⁶, abbażi tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' beni kulturali adottat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2022.

¹⁵ 16107/22

¹⁶ 10249/23

4.4 Sfidi għas-Sigurtà Interna marbuta mal-migrazzjoni

F'Marzu 2022, il-Presidenza Franċiża organizzat seminar relatat mad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, li rrifletta d-diskussjonijiet inizjali dwar id-dimensjoni diġitali tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti li saru fil-laqgħa tal-COSI f'Novembru 2021. F'Mejju 2022, id-delegazzjonijiet kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-monitoraġġ ta' miżuri operazzjonali b'reazzjoni għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Taħt il-Presidenza Ċeka, il-COSI appoġġa rispons imsaħħaħ għaż-żieda fl-attivitajiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fl-2022. Il-COSI nnota li ż-żamma ta' stampa komprensiva tal-intelligence u skambju ta' informazzjoni msaħħaħ ma' atturi rilevanti fl-Unjoni u barra minnha, l-indirizzar tad-dimensjoni polikriminali u diġitali tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, kif ukoll in-natura dejjem aktar vjolenti tan-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin kienu elementi ewlenin fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. L-eżitu ta' din id-diskussjoni ġie ppreżentat lill-Kunsill f'Diċembru 2022.

F'Settembru 2022, il-COSI, appoġġat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Aspetti Esterni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (EMWP), iddiskuta l-isfidi tal-migrazzjoni u daww għas-sigurtà interna tul it-Triq tal-Ħarir b'mod olistiku. L-Istati Membri ssottolinjaw li s-sitwazzjoni migratorja qed tinbidel u li huwa ta' importanza kbira li jkun hemm stampa tajba tal-intelligence tas-sitwazzjoni ġenerali, b'enfasi fuq in-networks tat-traffikar li jistgħu jisfruttaw il-flussi migratorji tul din ir-rotta. L-Istati Membri enfasizzaw li approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u/jew il-prevenzjoni ta' theddid rilevanti għas-sigurtà jeħtieġu mhux biss perspettiva interna, iżda wkoll esterna u relazzjoni li tiffunzjona mal-pajjiżi tul ir-rotta. Huma enfasizzaw ukoll l-isfidi ffaċċati fuq rotot migratorji speċifiċi, b'mod partikolari l-migrazzjoni mill-Afganistan u l-Balkani tal-Punent.

5. ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

Taħt it-Triju ta' Presidenzi, il-COSI kompla jagħti prijorità lill-ġlieda kontra t-terroriżmu u pprova direzzjoni strateġika għall-kooperazzjoni operazzjonali biex jgħin fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-livell tal-UE.

5.1 Valutazzjonijiet tat-theddid fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

Kull semestru, il-COSI japprova r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni tat-theddid aġġornata regolarment tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, abbażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni mwettqa kemm mill-Europol kif ukoll mill-IntCen tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet, approvati mill-COSI f'Mejju 2023, jirriflettu s-sejbiet preċedenti li jirrapportaw li l-livell ta' theddid fl-UE jibqa' l-istess, filwaqt li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu fil-forom kollha tagħhom, b'kont meħud tal-polarizzazzjoni dejjem tikber fis-soċjetà. Ir-rakkomandazzjonijiet ikopru wkoll it-theddid potenzjali, fuq terminu medju u twil ta' żmien, mill-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna u t-theddida dejjem akbar mill-estremiżmu vjolenti tal-lemin.

Rigward l-estremiżmu vjolenti tal-lemin, il-COSI ħa nota matul il-laqgħa tiegħu f'Mejju 2023 tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) u approva aġġornament tal-linji ta' ħidma biex tingħata direzzjoni lill-isforzi kontinwi biex tiġi indirizzata din it-theddida.

5.2 Ġellieda Terroristi Barranin u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Is-SIS hija l-akbar sistema ta' kondivizzjoni ta' informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-fini tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Ewropa. Taħt it-Triju ta' Presidenzi preċedenti, ġie approvat proċess għall-evalwazzjoni u possibbilment għad-dħul ta' informazzjoni minn partijiet terzi jew Stati Membri dwar nazzjonali ta' pajjiżi terzi suspettati li huma terroristi ġiħadisti (Ġellieda Terroristi Barranin). Dan l-approċċ ikkoordinat ġie rieżaminat wara sentejn b'kont meħud tal-esperjenza Prattika miġbura sabiex jiġi allinjat mar-Regolament Europol emendat kif ukoll mar-Regolament SIS - Pulizija emendat. Abbażi tal-ħidma li saret fit-TWP, fi Frar 2023 ġie approvat approċċ koordinat rivedut mill-COSI.

5.3 Ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni

Wara talba mill-Kunsill Ewropew fl-2020 biex jissaħħu l-miżuri għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-indirizzar tal-ideoloġiji wara t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni saret prijorità ewlenija taħt il-Preidenza Franċiża, bil-COSI jaġixxi bħala forum għall-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi u l-aħjar prattiki tagħhom f'dan il-qasam. L-Istati Membri ddiskutew miżuri nazzjonali, inkluż dawk leġiżlattivi, għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni¹⁷, u t-tnejniet għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (TCO). Ġew enfasizzati oqsma għal titjib inkluż il-ħtieġa li ssir aktar riċerka fuq il-post biex jinftiehem aħjar l-ekosistemi tar-radikalizzazzjoni u jiġi żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ reliġjużi jkunu konformi mad-drittijiet fundamentali u l-valuri Ewropej. Ġew enfasizzati wkoll diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' estremisti tal-lemin vjolenti u kontenut ambigwu. Ġew diskussi diversi għodod u inizjattivi disponibbli għall-Istati Membri, inkluż iċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE biex tissaħħaħ il-politika tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, li bħalissa qed jiġi stabbilit mill-Kummissjoni. L-Istati Membri esprimew appoġġ għall-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE, biex jappoġġaw il-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom permezz tal-istabbiliment tal-prijoritajiet.

Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni kienet ukoll tema ewlenija fil-COSI informali taħt il-Preidenza Franċiża, fejn l-Istati Membri semgħu x-xhieda ta' żewġ vittmi tar-radikalizzazzjoni, u ngħataw preżentazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ekosistemi estremisti, li għandhom rwol fir-radikalizzazzjoni tal-komunitajiet Musulmani u l-estremisti tal-lemin vjolenti.

Il-COSI ssorvelja wkoll il-Pjan ta' Azzjoni Kontra t-Terroriżmu u l-implimentazzjoni tiegħu u f'Mejju 2022 approva l-Proċedura għal kontrolli tas-sigurtà msaħħa fuq persuni li jaqsmu jew li qasmu l-fruntieri esterni tal-UE wara avvenimenti fl-Afganistan.

¹⁷ 9997/22

6. TISĦIĦ TAR-RABTA BEJN IS-SIGURTÀ INTERNA U DIK ESTERNA

F'dawn l-aħħar snin, it-theddid għas-sigurtà interna kiseb dejjem aktar dimensjoni tranżnazzjonali. It-theddid ibridu u ċibernetiku, ir-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, il-migrazzjoni irregolari ffaċilitata minn networks kriminali, u l-kriminalità organizzata jikkostitwixxu theddid b'dimensjonijiet esterni ċari. Għalhekk, il-COSI kellu diskussjonijiet dwar il-ħtieġa li titrawwem ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna permezz ta' djalogu msaħħaħ mas-sħab rilevanti f'dan il-qasam. Il-bidu tal-gwerra fil-fruntieri esterni tal-UE, u l-impatt potenzjali li din jista' jkollha fuq is-sigurtà interna tal-Unjoni ġabu magħhom sens imġedded ta' urġenza għal din il-konverżazzjoni matul dan it-Triju ta' Presidenzi.

6.1 Formalizzazzjoni tal-Kooperazzjoni ĠAI/PSDK

Il-PSDK tippermetti lill-Unjoni Ewropea tieħu rwol ewlieni fl-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali. Fl-2018, l-Istati Membri qablu dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, li jenfasizza l-aspetti ċivili tal-missjonijiet tal-PSDK u għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE li ssaħħaħ il-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili f'kuntesti fraġli u ta' kunflitt, permezz ta' kooperazzjoni aħjar ma' strumenti oħra tal-UE, inkluż atturi tal-ĠAI¹⁸. Iż-żieda fil-kooperazzjoni bejn il-PSDK ċivili ffukata esternament u l-ĠAI ffukati internament, żewġ dimensjonijiet relatati iżda distinti tar-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna, hija pass fundamentali lejn approċċ sostenibbli u fit-tul lejn is-sigurtà interna tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward saret ħidma kemm fil-livell tal-COSI kif ukoll tal-Grupp ta' Appoġġ COSI. F'April 2022, saru żewġ laqgħat informali tal-Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet (CIVCOM) flimkien mal-Grupp ta' Appoġġ COSI bl-intenzjoni li jsir progress fil-fajls ta' minikunċetti għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK relatati mal-kriminalità organizzata. Dawn il-minikunċetti jiffurmaw il-bażi ta' rispons usa' biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà f'konformità mal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. Il-laqgħa ddiskutiet minikunċetti relatati mal-wirt kulturali, l-isfidi għas-sigurtà marbuta mal-migrazzjoni irregolari, iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti. Il-Grupp ta' Appoġġ COSI aktar tard saħħaħ minikunċett addizzjonali dwar l-appoġġ ċivili tal-PSDK lill-istati ospitanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u t-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-forzi tas-sigurtà interna.

¹⁸ 14305/18

Il-kooperazzjoni ĠAI/PSDK kompliet tissaħħa fi Frar 2023, meta taħt il-Presidenza Żvediża saret laqgħa konġunta tal-COSI-KPS għall-ewwel darba minn Settembru 2021. Il-laqgħa ffukat fuq il-ħtieġa għal aktar kooperazzjoni tal-ĠAI/PSDK fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà kemm b'dimensjoni interna kif ukoll esterna meta titqies il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ġew identifikati diversi għodod għal kooperazzjoni msaħħa, inkluż il-ħtieġa li l-komunità tal-ĠAI, f'konformità mal-mandat, ir-riżorsi u l-ħtiġijiet operazzjonali tagħha, iżżid ir-rwol tagħha fil-Patt il-ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif ukoll fl-ippjanar u r-rieżami tal-missjonijiet tal-PSDK. Sussegwentement, id-delegati tal-Grupp ta' Appoġġ COSI ġew mistiedna jipparteċipaw f'diskussjonijiet fis-CIVCOM dwar l-istabbiliment ta' missjoni ċivili tal-PSDK fil-Moldova¹⁹, u l-Patt il-ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK li ntlaħaq qbil dwaru f'Mejju 2023, li jsaħħa ir-rwol tal-atturi tal-ĠAI fil-missjonijiet tal-PSDK²⁰.

Il-COSI regolarment jirċievi aġġornamenti li jenfasizzaw oqsma potenzjali għall-appoġġ tal-ĠAI għall-missjonijiet tal-PSDK u l-ħidma li ssir minn dawn il-missjonijiet biex jiġi miġġieled it-theddid għas-sigurtà interna. Il-missjonijiet ta' interess għall-COSI jinkludu EUCAP Niger, EUAM Ukraine u l-EUPM Moldova l-ġdida. Il-missjonijiet tal-PSDK qed jipparteċipaw fil-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-EMPACT (it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, in-network kriminali ta' riskju għoli u t-traffikar tal-armi tan-nar). Fid-dawl tal-esperjenza pożittiva, x'aktarx li jiġi mfittex involviment ulterjuri tal-missjonijiet.

6.2 Kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-COSI jirċievi aġġornamenti dwar żviluppi relatati mas-sigurtà interna u l-komunità tal-ĠAI f'pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali, u dwar djalogi li għaddejjin ma' pajjiżi, gruppi ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet f'dan ir-rigward. Il-COSI nnota l-preżenza ta' Għases tal-Pulizija Ċiniżi barra mill-pajjiż f'diversi Stati Membri, il-konklużjonijiet mill-Konferenza Ministerjali Internazzjonali UE-MENA f'Lisbona fit-13 u l-14 ta' Frar 2023²¹, u d-dikjarazzjoni konġunta tal-2022 bejn l-UE u l-Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna (CLASI)²².

¹⁹ 10790/23

²⁰ 9588/23

²¹ 7052/23

²² 6762/22

Il-COSI rċieva aġġornamenti regolari dwar il-laqgħat tal-uffiċjali għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Interpol (SOMEI)²³. Is-suġġetti rilevanti koperti f'dawn il-laqgħat matul it-Triju ta' Presidenzi inkludew il-gwerra fl-Ukrajna, il-proċeduri ta' salvagwardja għal avviżi ħomor, l-abbuż sesswali tat-tfal u t-traffikar ta' beni kulturali.

7. KOORDINAZZJONI TAL-AĠENZJI TAL-ĠAI

7.1 Network tal-Aġenzji tal-ĠAI (JHAAN)

Kull sena, l-aġenzji tal-Unjoni li jkollhom il-presidenza tan-Network tal-Aġenzji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (JHAAN) jaġġornaw lill-COSI dwar l-attivitajiet tagħhom fis-sena preċedenti u jippreżentaw il-prijoritajiet tagħhom għas-sena ta' wara. Fl-2022, il-Frontex ippreżentat ir-rapport ta' attività tal-2021. Hekk kif il-JHAAN iċċelebra l-għaxar anniversarju tiegħu, dan intuża bħala opportunità mill-COSI biex jevalwa l-ħidma tan-network u jipproponi rakkomandazzjonijiet. Fil-bidu tal-2023, il-COSI ħa nota tar-rapport annwali għall-2022 ippreżentat mis-CEPOL u tal-prijoritajiet tal-presidenza tan-network tal-Aġenzja tal-UE għall-Ażil (EUAA) għall-2023 li jinkludu d-diġitalizzazzjoni, il-Patt Ekoloġiku, l-għoti ta' informazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' migrazzjoni mħallta, iċ-ċibersigurtà u l-komunikazzjoni u l-promozzjoni tal-JHAAN²⁴.

7.2 Attivitajiet individwali tal-aġenzji tal-ĠAI

L-aġenzji tal-ĠAI infurmaw lill-COSI regolarment dwar l-attivitajiet individwali tagħhom. Is-suġġetti nnotati fil-COSI jinkludu r-reviżjoni tal-mandat tal-Europol, l-eżitu tat-18-il laqgħa annwali tan-network tas-SIK (Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta) fil-Eurojust fil-5 u s-6 ta' Ottubru 2022²⁵, u l-konklużjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kapijiet tal-Pulizija Ewropej fil-Europol fl-4 u l-5 ta' Ottubru 2022. Il-COSI ħa nota wkoll tal-preżentazzjonijiet mis-CEPOL dwar il-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' Taħriġ Strateġiċi tal-UE (EU-STNA), li tfittex li tiddefinixxi prijoritajiet ta' taħriġ strateġiċi u fil-livell tal-UE għall-komunità tal-infurzar tal-liġi għall-2022-2025, u mill-Frontex dwar il-funzjonament taċ-ċentri ta' informazzjoni marittima reġjonali.

²³ 8370/23, 14860/22, 10220/22

²⁴ 5608/23

²⁵ 16201/22